



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2021
(OR. en)

12640/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0312 (NLE)

PECHE 350

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll
dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹⁺,

¹ Approvazzjoni ta'... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
⁺ ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna ta' hawn fuq.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook¹ ("il-Ftehim") ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418².
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/...³⁺, il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ("il-Protokoll") ġie ffirmat fil-...⁺⁺, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

¹ ĠU L 131, 20.5.2016, p. 3.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418 tat-28 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (ĠU L [...], [...], p. [...]).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument ST 12627/21 u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti - in-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza uffiċjali tal-pubblikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

- (3) Il-Protokoll għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni u lill-Gvern tal-Gżejjer Cook ikomplu jaħdmu flimkien biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook, f'konformità mal-oġettiv tal-konservazzjoni tar-riżorsi bioloġiċi tal-baħar rikonoxxut fid-dritt tal-Unjoni, u li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jistadu f'dawn l-ilmijiet.
- (4) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat.
- (5) L-Artikolu 6 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi tal-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' tali emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, soġġetta għal dispożizzjonijiet u kondizzjonijiet sostantivi u proċedurali speċifiċi, li tapprovahom f'isem l-Unjoni bi proċedura ssimplifikata.
- (6) Jenħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emendi proposti tal-Protokoll. Jenħtieġ li l-emendi proposti jiġu approvati sakemm minoranza ta' Stati Membri li timblokka f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma toġġezzjonax għal dawk l-emendi.

- (7) Minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook u minħabba l-hteġa li jiġi evitat li dawk l-attivitajiet jiġu interrotti mill-iskadenza tal-Protokoll attwali fit-13 ta' Novembru 2021, jenħtieġ li l-Protokoll jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u ta opinjoni fit-3 ta' Novembru 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 1

Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ("il-Protokoll") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 12 tal-Protokoll².

Artikolu 3

F'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt.

¹ It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fil-ĠU L

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna ta' hawn fuq ir-referenza tal-ĠU tal-Protokoll li jinsab fid-dokument ST 12633/21.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

PROĊEDURA BIEX JIĠU APPROVATI L-EMENDI TAL-PROTOKOLL LI L-KUMITAT KONĠUNT GĦANDU JADOTTA

Meta l-Kumitat Konġunt irid jadotta emendi għall-Protokoll skont l-Artikolu 6(3) tal-Ftehim u l-Artikolu 5 tal-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tapprova l-modifiki proposti, f'isem l-Unjoni, bil-kundizzjonijiet li ġejjin.

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni li ssir f'isem l-Unjoni:
 - (a) tkun konformi mal-oġettivi tal-Politika komuni tas-sajd;
 - (b) tkun konsistenti mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tkun tqis il-ġestjoni konġunta min-naħa tal-Istati kostali;
 - (c) tkun tqis l-aħħar informazzjoni statistika, bijoloġika u ta' tip ieħor rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni.

2. Qabel ma l-Kummissjoni tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tressaqhom quddiem il-Kunsill biżżejjed żmien qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt.
3. Il-Kunsill għandu jevalwa jekk l-emendi proposti jkunux konformi mal-kriterji ddefiniti fil-punt 1.
4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni sakemm numru ta' Stati Membri, li jkun daqs minoranza li timblokka tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ma joġġezzjonawx għalihom. F'każ li jkun hemm tali minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-emendi proposti f'isem l-Unjoni.

5. Jekk, matul laqgħat sussegwenti tal-Kumitat Konġunt, inkluż laqgħat fuq il-post, ikun impossibbli li jintlaħaq ftehim, il-kwistjoni għandha terġa' titressaq quddiem il-Kunsill, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tista' tqis elementi ġodda f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-punti 2, 3 u 4.
6. Il-Kummissjoni hija mistiedna biex, fi żmien debitu, tiegħu kull pass meħtieġ bħala segwitu għad-deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċizzjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċizzjoni.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħrajn li ma jirrigwardawx emendi tal-Protokoll, kif previst fl-Artikolu 6 tal-Ftehim, il-pożizzjoni li l-Unjoni għandha tadotta fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi stabbilita f'konformità mat-Trattati u skont il-prattiki ta' hídma stabbiliti.
